# il-Ħuttafa

Numru **170** Mejju - Ġunju 2022



**Vjolett**

BirdLife Malta 60 1962 2022

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf



Desirée Falzon

Nannakola tas-seba' tikek

# Ħejj Ħuttaf...

mill-editur

Jien minn dejjem kont inħobb l-annimali. Għalhekk meta kont żgħir (xi elf sena ilu :) kont naqbeż bil-ferħ meta nisma' li f'Malta ġej xi ċirku (*circus*).

"Jaħuu! Ġejjin l-iljuni u t-tigri." U kont niffitta lil missieri biex joħodni.

Kont għadni ma nafx li dawk l-annimali kienu mdejqin u maħqurin. U bħali ħafna nies oħrajn ma kinux jafu dan. Illum kulħadd jaf u b'xorti tajba ħafna pajjiżi m'għadhomx iħallu ċirki bl-annimali jidħlu. Kburi li Malta waħda minn dawn il-pajjiżi.

Imma jekk iċ-ċirki spiċċaw minn Malta, iż-żuwijiet ma spiċċawx. Anzi donnhom qed jiżdiedu.

Kontu tafu li f'Malta hawn 64 tigra, 20 iljun, 11-il leoparda u 24 puma? U ħafna annimali oħrajn, b'kollox kważi 400, u qed jiżdiedu. Għaliex qed jiżdiedu?

Għax bħali (meta kont żgħir) ħafna nies ikollhom kurżità biex jaraw iljun ta' vera. Għalhekk iħallsu biex iżuru dal-postijiet ħalli jiskantaw lejn il-pantera u forsi jieħdu ritratt ma' ferħa ta' tigra.

Li n-nies ma jafux hu li dawn il-povri annimali msakkrin f'gaġġa jew f'bitħa huma mdejqin. Imdejqin għax qegħdin f'ħabs flok fl-ambjent naturali tagħhom.

Fin-natura, tigra waħda timraħ fuq medda art imqar daqs Għawdex kollu! Tiġġerra wara l-priża fuq għoljiet, muntanji, xmajjar u ġungli.

**Mela bitħa tal-konkos?!**



In-nies ma jafux jew forsi ma jimpurtahomx. Intom tafu, imma jimpurtakom?

Jekk xi ħadd jgħidilkom: "Naf wieħed għandu ljun, trid nieħdok tarah?" intom xi twieġbu? Ħmm...

Insomma happy holidays guys!

victor

Victor Falzon
L-Editur

## In this issue...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'rajt fil-ġnien | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| Kemm narmu skart... | 5 |
| Ħlejjaq tal-Baħar | 6 |
| Brimberija | 7 |
| Il-gallina tal-baħar | 8–9 |
| Wetlands | 10 |
| Colour the plant | 11 |
| Attività | 12 |
| Pjanta daqs Malta! | 12 |
| The Migration Story | 13 |
| Mangroves | 14 |
| Il-lifgħa | 15 |
| Saving the sky | 16 |


## People who wrote

Thais Amaral (National Aquarium), Elena (Ecohive), Desirée Falzon, Victor Falzon, Mark Gauci, Marie Vella (BOV)

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and also do environmental work
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

It's even cheaper now!

## Get in touch

tel **21347645 / 21347646**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, Ġunju 2022
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print
Reg.Vol.Org. VO/0052

Mel'aħjar minni għax 'qas biss naf naqra!

Istrina! Dan *Il-Ħuttafa* jafħa bl-amment!

FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Victor Falzon

### Vjolett

Violet Dropwing *Trithemis annulata*

Il-vjolett huwa wieħed minn xi 16-il speċi ta' mazzarell li jidhru Malta. Jingħaraf għax l-uniku wieħed vjola. Il-vjolett tfaċċa Malta l-ewwel darba 15-il sena ilu. Jgħidulu *dropwing* għax meta jistrieħ spiss idendel ġwinħajh 'l isfel. U jħobb ukoll jipponta denbu dritt 'il fuq! Annimal sabiħ immens.

Konna ħabbarnieh f'*Il-Ħuttafa* 82 f'Ottubru 2007

# Friski friski!




Aron Tanti

F'dar-ritratt ħelu naraw familja ta' monakell: omm u erba' flieles daqs nitfa. Dawn il-flieles għadhom kemm faqqsu friski friski fir-riserva naturali tal-Għadira.

Il-monakella (*little ringed plover*) tbejjet kważi kull sena l-Għadira. Dis-sena hemm erba' pari monakell bil-bejta. Nawgurawlhom suċċess.




# Daqs ir-raħal tal-Imġarr!

Is-sena l-oħra ħadu biċċa art kbira f'Ta' Qali u qed jibdluha f'deżert aħdar – art kbira ċatta miksija bit-terf. Taparsi park.

Issa xi ħadd ħolom li jeqred biċċa oħra minn Ta' Qali, u din ħafna ikbar mit-taparsi park. Fiha jridu jibnu 'villaġġ sportiv', jiġifieri xi ħmistax-il grawnd + salt bini, *gyms*, lukandi, ristoranti, ħwienet u parkeġġi. Medda art ta' 207,000m$^2$ – daqs ir-raħal tal-Imġarr. Skont il-liġi din l-art hija ODZ, jiġifieri mhux suppost tinbena.

Illum hemm art miftuħa mimlija ħamrija, sejjieħ, ħarrub, bajtar, lewż, tin, ċipress u fjuri. U żanżin tan-naħal u tisfir u għana tal-buful, buċaqq, pitirrossi, psiepes u vjolini.

Nisperaw li dil-ġennata ta' żvilupp ma ssirx, ħalli l-beraħ f'pajjiżna ma jkomplix jonqos.






**Pispisella tax-Xifa**
Terek Sandpiper

Aron Tanti



**Perniċjotta**
Collared Pratincole

Aron Tanti

# Rix Rari

Żewġ għasafar rari li ntlemħu mill-berdwoċers tal-BirdLife f'dawn l-aħħar ġimgħat kienu **perniċjotta** u **pispisella tax-xifa.**

It-tnejn huma tajr tax-xatt (*waders* jew *shorebirds*), għasafar li jgħaddu kważi ħajjithom kollha ħdejn l-għadajjar jew f'xatt il-baħar. Fil-fatt il-perniċjotta ntlemħet fir-riserva naturali tas-Salina, u l-pispisella fir-riserva naturali tal-Għadira.

X'ismijiet strambi! Innutajtu li munqar il-pispisella tax-xifa mhuwiex dritt imma milwi ftit 'il fuq? Jixbah ftit lil dik il-biċċa għodda bil-ponta li juża l-iskarpan biex itaqqab il-ġlud taż-żraben. Din l-għodda jgħidulha xifa.



xifa

Il-perniċjotta jisimha hekk għax id-disinn tar-rix ta' rasha jixbah lil speċi ta' għasfur smin jgħidulu perniċa – imma hija iżgħar, u għalhekk perniċ-jotta. Il-perniċi (*partridges*) ma jidrux Malta.

# X'rajt fil-ġnien 7

**Desirée Falzon**
Detektiv




L-isem xjentifiku ta' dawn l-insetti huwa *Chrysoperla*.

## Pjanta mimlija ħajja

F'*Il-Ħuttafa* li għaddiet kont għedtilkom li nħobb inkabbar il-bużbież fil-ġnien għax dil-pjanta tant tiġbed ħajja lejha. Fir-rebbiegħa u fis-sajf il-ħin kollu niskopri affarijiet ġodda qalb il-weraq tal-bużbież. U hekk hu – dax-xahar rajt ħaġa mhux biss li kienet ġdida, imma li wkoll sabiħa tal-għaġeb!

## Ringiela pulita...

Xl ħmistax ilu ħriġt filgħodu bħas-soltu biex niċċekkja l-ħajja fuq il-pjanti. Kelli lenti ħalli affarijiet żgħar ma jaħarbulix. Fuq fergħa tal-bużbieża sibt ħaġa tant stramba li għall-ewwel ħsibt xi ħadd għamilli ċajta! Rajt ringiela ħjut irqaq u puliti, u fit-tarf ta' kull ħajta kien hemm boċċa żgħira bajda.

Ħmm, tgħid in-nannakoli diġà bdew iżejnu għall-Milied? Imma f'Mejju kmieni wisq hux! :)

## Kollox bizzilla!

Insomma, jien ħadt xaba' ritratti u kuljum ħriġt niċċekkjahom ħalli nara jinbidlux b'xi mod. Dħalt fl-Internet u bdejt infittex imma lanqas kont naf x'naqbad nittajpja fis-*search*!

Fl-aħħar, bis-saħħa tal-*image search*, sibt x'kienu. Kienu bajd tal-bizzilla!

Il-**bizzilla** hija insett żgħir aħdar delikat ħafna, bi ġwienaħ fini b'ħafna vini rqaq qishom... bizzilla! Bl-Ingliż ngħidulha *lacewing*.




Jien ġieli rajt bizzilla fil-ġnien imma lanqas f'mitt sena ma kont nobsor li tbid daqshekk sabiħ!

## F'aptithom!

Sintendi, issa kelli ġenn biex nara x'ifaqqas minn dak il-bajd! Imma għalkemm iċċekkjajthom kuljum ma rnexxilix naqbadhom fl-att! Imma wara xi ġranet rajt iż-żgħar wara li faqqsu. Għarafthom għax kont qrajt u fittixt fuqhom fil-kotba li għandi. Kont qrajt ukoll li d-dudu tal-bizzilla jiekol l-afidi (*aphids*) ... u hekk kienu qed jagħmlu!

Qrajt li f'ġurnata waħda dudu tal-bizzilla **kapaċi jiekol mitt afida**! Mhux ta' b'xejn li wara ftit jiem l-afidi li kien hemm fuq iz-zokk sparixxaw. Waww, dak ġuħ!

**L-afidi spiss jinfestaw pjanti u ħxejjex. Il-bizzilla mhux biss sabiħa imma tgħin lill-bidwi u lill-ġardinar jikkontrollaw l-afidi!**




Ngħaddu minn fuq jew minn taħt l-istampa?

Issa sew, insejt nistaqsi lir-reġina!

# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

Ritratti Aron Tanti, Victor Falzon

F'Malta s'issa dehru ftit **iktar minn 400 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha! Dawn huma numru 11 sa 20...

11 

Isem Malti
**Serra Bajda**
Isem Ingliż
**Smew**
Isem xjentifiku
*Mergellus albellus*

12 

Isem Malti
**Serra Prima**
Isem Ingliż
**Goosander**
Isem xjentifiku
*Mergus merganser*

13 

Isem Malti
**Serra**
Isem Ingliż
**Red-breasted Merganser**
Isem xjentifiku
*Mergus serrator*

14 

Isem Malti
**Kuluvert tas-Salib**
Isem Ingliż
**Common Shelduck**
Isem xjentifiku
*Tadorna tadorna*

15 

Isem Malti
**Kuluvert Aħmar**
Isem Ingliż
**Ruddy Shelduck**
Isem xjentifiku
*Tadorna ferruginea*

16 

Isem Malti
**Sarsella Mnaqqxa**
Isem Ingliż
**Marbled Teal**
Isem xjentifiku
*Marmaronetta angustirostris*

17 

Isem Malti
**Brajmla Prima**
Isem Ingliż
**Red-crested Pochard**
Isem xjentifiku
*Netta rufina*

18 

Isem Malti
**Brajmla**
Isem Ingliż
**Common Pochard**
Isem xjentifiku
*Aythya ferina*

19 

Isem Malti
**Brajmla Ħamra**
Isem Ingliż
**Ferruginous Duck**
Isem xjentifiku
*Aythya nyroca*

20 

Isem Malti
**Brajmla tat-Toppu**
Isem Ingliż
**Tufted Duck**
Isem xjentifiku
*Aythya fuligula*

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

# Kemm narmu skart fil-baħar!

Victor Falzon

Meta nsemmu l-iskart fil-baħar kulħadd jaħseb fil-plastik. Imma mhux plastik biss narmu fil-baħar! Din l-istampa turina kemm f'Malta rmejna **skart tal-bini** fil-baħar mill-2004 sal-2018.









# Ħlejjaq Moħbija fil-Baħar!

## Aqta' l-ismijiet ta' ħlejjaq li ssib fil-baħar Malti billi tara x'qegħdin juru l-istampi

Desirée Falzon



Kaħlija



Desirée Falzon



Ħamiema

K A Ħ L I J A

Desirée Falzon



Stilla tal-Baħar









Għarusa

Desirée Falzon



Ċawla

Victor Falzon



T A L-



Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV Bank of Valletta

# Brimberija

**Ħafna nies jibżgħu mill-brimb. Veru li l-brimb huma predaturi imma aħna l-bnedmin m'aħniex il-priża tagħhom! Għalhekk flok stmerrija jmissna nuruhom rispett.**

**Fid-dinja s'issa nafu b'xi 45,000 speċi ta' brimb. F'Malta hawn xi 400 speċi imma ħafna minnhom għadna ma nafux xi speċi huma. Dawn li jidhru f'din il-paġna nafu min huma però, u ġew biex inlaqqgħukom magħhom!**


Brimba ħotbija
Humped crab spider


Brimba tal-widien
Lobed argiope


Qabbieża tal-mustaċċi
*Menemerus semilimbatus*

Sorry, no English name!


Brimba tat-tikek
Spitting spider


Ċikloża
Garbage line spider


Brimba tal-fjuri
Napoleon spider


Piżawra
Nursery web spider

**Kont taf li mhux il-brimb kollha jagħmlu l-għanqbut. Imma kollha jagħmlu l-ħarir. Il-ħarir materjal tal-għaġeb. Ħafif immens imma b'saħħtu iktar mill-azzar!**


Brimba rrigata
Banded argiope


Brimba tas-soqfa
Marbled cellar spider

Ritratti Victor Falzon (ħlief il-brimba tal-fjuri, ta' Desirée Falzon)

# Gallina tal-Baħar

## Eurasian Oystercatcher *Haematopus ostralegus*



Ritratt ta' Aron Tanti meħud fir-riserva naturali tal-Għadira


60
BirdLife
1962 MALTA 2022

# Wetlands

Wetlands are areas that form in between the marine, freshwater and terrestrial environments.

They are dynamic systems and undergo annual cycles of changes in their salt content depending on rainfall, the proximity to the sea, and the season.

Plants found in this habitat type must withstand changes in salinity, so they have adapted accordingly. For instance, the Golden Samphire plants have fleshy leaves that can store freshwater. Other plants such as the Shrubby Glasswort and the Twiggy Glasswort, have very small fleshy leaves that envelop the stem in order to prevent water loss.

The Sharp-Pointed Rush, Sea Rush, and the Common Reed are plants also typically found in wetlands.

Some coastal wetlands shift between freshwater and saltwater. These are capable of supporting species typical of both freshwater and saline habitats.

Such wetlands have been termed '**transitional coastal wetlands**', as they arise when rainwater collects in depressions close to the sea, one such example is **l-Għadira.**

These habitats are very important to migratory and resident birds as they provide a safe haven.




l-Għadira

ERA
Environment & Resources Authority

## Habitats in Malta

# Colour the plant

Victor Falzon



**Endemic** means it only grows here and nowhere else.



## Maltese Rock-centaury

The Maltese rock-centaury flowers in late spring and doesn't mind the dry weather. That's because it has a store of water in its fat leaves, which look a bit like floppy ears. The plant grows on rocky cliffs near the sea, and that's why its Maltese name is widnet il-baħar. But you knew that already of course! You learnt all about it at school. Yes, because the rock-centaury is our very own endemic national flower.




## Be Nice to Nature

When you go to the beach this summer please don't pick snail shells or play with them. Remember snails are living creatures, they are not toys for us to play with! Even if the shell looks empty, there could be a scared little hermit crab hiding in there. She's waiting for you to put her shell home down so she can scuttle away to safety. Be nice to nature. Thank you.



# Sejrin naraw iċ-ċief Ġejjin?

**Iċ-ċief huwa tajr tal-baħar li jbejjet fl-irdum. Kull sena mmorru bil-lanċa biex ingawdu eluf ta' ċief jistrieħ fuq il-baħar qabel jidlam u jtir lejn il-bejta. Dis-sena se nagħmlu 4 ħarġiet f'Lulju. Jekk tixtiequ tiġi fittxu bbukkjaw għax il-postijiet jinħatfu!**

**Dettalji**
**www.birdlifemalta.org/events**




# Pjanta daqs Malta!

Studjużi fl-Awstralja għamlu skoperta li bilkemm riedu jemmnu huma stess. Sabu pjanta kbira ħafna *ħafna*! Mhux twila bħal siġra imma mifruxa fuq **medda enormi ta' 200km²** – kważi daqs l-area ta' Malta!

Il-pjanta hija *Posidonia australis,* tip ta' alka li tikber f'qiegħ il-baħar bħall-alka fil-baħar ta' madwarna. L-istudjużi ħadu kampjuni (biċċiet) ta' din l-ispeċi minn diversi nħawi tal-baħar fil-punent tal-Awstralja. Meta ċċekkjaw id-DNA bdew iħokku rashom: id-DNA tal-kampjuni kollha kienet l-istess eżatt. Dan seta' jfisser biss li **l-kampjuni ġew kollha mill-istess pjanta**.

Kif jista' jkun? Xi kampjuni kienu ħaduhom 180km bogħod minn xulxin! Imma hekk kien. L-alka tinfirex billi tkabbar bħal għeruq (*rhizome*) laġenba li minnhom jikbru weraq ġodda. Ftit ftit infirxet fuq medda art enormi.

Kif tinfirex l-alka



Il-pjanta tinfirex xi 35ċm fis-sena. Meta ħadmu kemm damet biex ksiet dik il-medda kollha, sabu li din bdiet tikber miż-żerriegħa... **xi 4500 sena ilu!** Ħwejjeġ tal-bligħ!

# The Migration Story

## When?

When can we enjoy bird migration?

In Malta we get bird migration twice a year: in spring and in autumn.

Aug


Kingfisher


Dunlin

Sep


Bee-eater


Marsh-harrier

Oct


Kestrel


Robin

Nov


Chaffinch


Golden Plover

### Autumn

When the nesting season is over, millions of birds from northern Europe fly south to look for places with nice weather and lots of food to eat. The autumn migration begins as early as July and some birds are still migrating in November! Many birds that pass through Malta in autumn are still a long way from where they want to go. They still have the scary sea and the huge Sahara Desert to cross. Many birds die on the way.

### Spring

From late February, birds that spent the winter in Africa begin to fly back north. They cross desert, sea and mountain. It's a race back home to find the best places to nest. In Malta, spring migration is busiest from mid-April to mid-May. Many birds die or get lost on migration, and less birds return home.

### We're a stepping stone!

Malta is a group of islands in the Mediterranean Sea. Many birds cross the Mediterranean Sea when they are migrating, so Malta is a great place for them to stop if they get tired. Here they can rest and get a snack before they continue their long journey. That's why millions of birds visit Malta during their amazing flight between Europe and Africa.

May


Swift


Honey-buzzard

Apr


Golden Oriole


Turtle-dove

Mar


Black-winged Stilt


Little Ringed Plover

Feb


Grey Heron


Barn Swallow

If you go to Is-Simar nature reserve, you will see this page as a nice big board!



This is the second of four boards. We'll get Number 3 in next issue.

Photographs by **Aron Tanti**

A MANGROVE IS A TREE THAT LIVES SO CLOSE TO THE SHORELINE THAT THEY ARE FLOODED WITH SALT WATER EVERY DAY AS THE TIDE COMES IN AND SUBMERGES THEIR ROOTS... AND EVEN THOUGH, THEY ARE STILL ABLE TO SURVIVE! TOGETHER, THESE TREES CREATE THE MANGROVE FOREST!

MALTA NATIONAL
**AQUARIUM**

All mangroves have evolved special adaptations that enable them to live in salt water. They also produce a lot of oxygen!



The soil where mangroves live is poor in oxygen - cone roots and aerial roots help the tree gain oxygen from air when the roots are submerged.



They push salt from the ocean water out through their leaves. The salt forms crystals on the leaf surface.





The little seeds, called propagules, fall off the tree, and can be swept away by the ocean current and will float before sinking to the muddy bottom.





Lots of species populate the mangrove forest! They are even considered as nurseries, hosting baby fish whose parents live in coral reefs, for example... and this includes even baby sharks!



They don't live everywhere! Where can we find them?




We need to fight for mangroves to safeguard their existence!

F A T T I F F A W N A



Ray Vella

# il-Lifgħa

- Il-lifgħa hija rettilu (*reptile*) u hija waħda minn erba' speċi ta' sriep li jinsabu Malta.
- Bl-Ingliż jisimha *leopard snake* minħabba d-dbabar fuq ġisimha, li jfakkru fit-tikek tal-leoparda.
- Aktarx li l-lifgħa mhix [1]indiġena f'Malta imma ddaħħlet mill-bniedem f'xi żmien. F'Għawdex u fuq Kemmuna l-lifgħa ma tinsabx.
- Minkejja l-ħafna ħmerijiet li jemmnu xi nies, il-lifgħa la hi velenuża u lanqas perikoluża għall-bniedem.
- Il-lifgħa titwal sa xi 100ċm, kultant ftit iktar. Ġisimha huwa rqiq u qatt ma jkun eħxen minn xi 2ċm.
- Il-[2]priża favorita tal-lifgħa hija ġrieden imma taqbad ukoll gremxul u frieħ ta' għasafar. Toqtolhom billi titkebbeb magħhom sa ma jaqtgħu nifishom u jmutu.
- Il-lifgħa tħobb postijiet fejn hemm ġebel u zkuk fl-art, bħal xi ħajt tas-sejjieħ imwaqqa', fejn spiss toqgħod moħbija taħt il-ġebel.
- Il-lifgħa toħroġ tikkaċċja binhar, kultant anke filgħaxija, speċjalment wara xi ħalba xita.
- Bħas-sriep l-oħrajn, fix-xhur kesħin il-lifgħa ma tantx tkun attiva. Toqgħod għall-kenn fil-moħba tagħha, imma kultant toħroġ fi ġranet xemxin tax-xitwa.
- Il-lifgħa tbid xi tliet bajdiet tawwalin f'rokna kennija qalb ġebel jew f'ħajt tas-sejjieħ.
- Il-lifgħa m'għandhiex x'taqsam mas-serp li jissemma' fl-istorja ta' San Pawl. Is-serp li gidem lil San Pawl kien aktarx is-serp iswed.
- Bħar-rettili kollha ta' Malta, il-lifgħa hija mħarsa bil-liġi. Il-lifgħa meqjusa ta' ġid għall-bniedem, għax teħlisna minn ħafna ġrieden!

---

[1]**indiġena.** Speċi li minn dejjem kienet tgħix f'dak il-post
[2]**priża.** L-annimal li jinqabad minn predatur (bl-Ingliż *prey*)


ECOHIVE MISSIONS
SAVING THE SKY
WRITTEN BY ELENA
IT WAS A VERY WINDY DAY... AND OUR ECO-WARRIORS WERE HARD AT WORK!
WHAT IS THAT BUZZING SOUND?
???
WE'VE BEEN AT IT FOR HOURS.... AND MORE PLASTIC KEEPS MAGICALLY APPEARING!
IT'S JUST THE WIND BLOWING IT FROM LAND. COME ON EVERYONE, WE MUSTN'T GIVE UP. LET'S GET THIS PLACE CLEAN!
SHE HAS A GOOD POINT! THIS AMOUNT OF PLASTIC IS REALLY SUSPICIOUS!
YEAH! CHECK OUT MY WEATHER APP – THE WIND IS BLOWING IN FROM SEA! NO WAY IT CARRIED ALL THIS PLASTIC FROM LAND!
IS IT A BIRD? IS IT A PLANE...?!
I SURE LOVE TECHNOLOGY! "RUIN THE ENVIRONMENT WITHOUT GETTING UP FROM YOUR CHAIR" - GENIUS!
CLICK...
NO! IT'S THE GARBAGE MONSTER AT IT, AGAIN!!
FIRST I FLY MY ELECTRONIC MINIONS STRAIGHT TO ECOHIVE AND STEAL ALL THEIR SORTED WASTE ...
HAHAHA!!
THEN, I LET THE WIND DO ITS JOB AND WATCH THE BEES PANIC! SO ENTERTAINING!
SINCE WE CAME OUT HERE THE AMOUNT OF PLASTIC HAS TRIPLED!
IT SEEMS LIKE IT'S RAINING TRASH! AND THIS CONSTANT BUZZING IS GIVING EVERYONE A HEADACHE...
WE LOOKED LEFT AND WE LOOKED RIGHT. BUT HAS ANYONE LOOKED UP?
WOW! SO THAT'S WHERE ALL THE TRASH IS COMING FROM! HOW DO WE MAKE THEM STOP?! THEY ARE TOO HIGH UP!
YOU KNOW WHO CAN REACH THEM? WE HAVE HIM ON SPEED DIAL! AGENT MERILL, ARE YOU SEEING THIS?!
VISUAL RECEIVED! KEEP UP THE GOOD WORK AND LEAVE THE DRONES TO MY FEATHERED CREW!
AGENT MERILL
MISSION ACCOMPLISHED! THERE WON'T BE ANY MORE PLASTIC COMING YOUR WAY.
AT ECOHIVE RECYCLING PLASTIC CAN BE GIVEN A NEW LIFE SO IT CAN BE TURNED INTO COOL USEFUL ITEMS!
ECOHIVE recycling
THE BEACH IS ALL CLEAN! ANY IDEA WHO SENT THE DRONES?
I HAVE MY SUSPICIONS! LET'S WORRY ABOUT THAT LATER AND GET THESE BAGS TO ECOHIVE!
OH NO! MY PRECIOUS DRONES!! YOU'LL REGRET IT, BEES! I HAVE SOMETHING SPECIAL READY JUST FOR YOU! TILL NEXT TIME!
ARRRR!!
VISIT ECOHIVE.COM.MT/KIDS